DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-19 ta' Frar 2013

dwar l-għoti ta' derogi lil ċerti Stati Membri fir-rigward tat-trażmissjoni tal-istatistika skont ir-Regolament (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika Komunitarja dwar is-saħħa pubblika u s-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol, fir-rigward tal-istatistika msejsa fuq l-Istħarriġ b'Intervista dwar is-Saħħa Ewropea (EHIS)

(notifikata bid-dokument numru C(2013) 784)

(It-testi bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bl-Ingliż, bl-Isvediż u bl-Olandiż biss huma awtentiċi)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2013/97/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-istatistika Komunitarja dwar is-saħħa pubblika u s-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat it-talbiet li saru mir-Renju tal-Belġju, mir-Repubblika Franċiża, mir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, mir-Renju tal-Isvezja u mir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 1338/2008, il-Kummissjoni tista' tagħti derogi u perjodi ta' tranżizzjoni lill-Istati Membri, li t-tnejn iridu jkunu msejsa fuq raġunijiet oġġettivi.

(2) Mill-informazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni, jirriżulta li t-talbiet tal-Istati Membri għad-derogi huma minħabba l-ħtieġa għal adattamenti kbar fis-sistemi amministrattivi u statistiċi nazzjonali sabiex jikkonformaw b'mod sħiħ mar-Regolament (KE) Nru 1338/2008.

(3) Dawn id-derogi għandhom jingħataw, wara talba tagħhom, lill-Belġju, Franza, il-Pajjiżi l-Baxxi, l-Isvezja u r-Renju Unit.

(4) Il-miżuri stabbiliti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tas-Sistema Statistika Ewropea,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-derogi kif stabbiliti fl-Anness jingħataw lill-Istati Membri elenkati hemmhekk.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tal-Belġju, lir-Repubblika Franċiża, lir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, lir-Renju tal-Isvezja u lir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Frar 2013.

Għall-Kummissjoni

Algirdas ŠEMETA

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 354, 31.12.2008, p. 70.

ANNESS

Id-derogi mir-Regolament (KE) Nru 1338/2008, kif implimentati mill-Kummissjoni, dwar l-istatistika msejsa fuq l-Istħarriġ b'Intervista dwar is-Saħħa Ewropea (EHIS)

Il-Belġju, Franza u l-Pajjiżi l-Baxxi ma għandhomx jippreżentaw il-varjabbli speċifikati fit-tabella li ġejja:

Il-Belġju	— INTLANG (il-lingwa użata fl-intervista); — PL4, PL5, PL7 tas-sett ta' limitazzjonijiet funzjonali fiżiċi u sensorji; — MH1a sa MH1h dwar is-saħħa mentali; — AM3 u AM5 għall-kura ambulatorja; — PA4 dwar attivitajiet preventivi; — UN1a sa UN2d dwar il-ħtiġijiet mhux sodisfatti.
Franza	— AL1 sa AL6 dwar il-konsum tal-alkoħol; — IC1 sa IC3 dwar il-kura informali.
Il-Pajjiżi l-Baxxi	— PL5 u PL6 dwar il-limitazzjonijiet funzjonali fiżiċi u sensjorji; — MH1a sa MH1h dwar is-saħħa mentali; — PE1 sa PE8 dwar l-attivitajiet fiżiċi; — AL1 u AL6 dwar il-konsum tal-alkoħol.

L-Isvezja u r-Renju Unit: il-popolazzjoni ta' referenza fl-Isvezja u fir-Renju Unit għandhom ikunu individwi ta' 16-il sena u aktar li jgħixu fi djar privati residenti fit-territorju ta' dawn l-Istati Membri fil-waqt tal-ġbir tad-dejta.